# Il-Kummissarju tal-Pulizija mitlub jirtira l-liċenzji tal-kaċċa

## BirdLife Malta tippreżenta Kwerela wara li l-liċenzji tal-kaċċa nħarġu mill-Ministeru għal Għawdex bi ksur tal-liġi

Fid-dawl li għandna gvern li jiġi jitmejjel mill-opinjoni publika kif ukoll mill-obbligi ta' pajjiżna bħala stat membru tal-Unjoni Ewropea (UE) billi jħalli l-kaċċaturi joħorġu fir-rebbiegħa meta kulħadd jaf li dawn jisparaw fuq l-għasafar protetti – inkluż fuq il-Gamiema li hija fi stat vulnerabli – BirdLife Malta se tuża kull metodu possibbli biex trażżan din id-deċiżjoni viljakka tal-Gvern.

Kien għalhekk li wara l-Protest Ġudizzjarju li ressqet fil-Qorti aktar kmieni din is-sena b'rabta mad-deċiżjoni illegali tal-Prim Ministru Robert Abela li jpoġġi r-regolatur tal-kaċċa taħt il-Ministeru għal Għawdex, BirdLife Malta llum ppreżentat Kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija. Dan il-pass ittieħed peress li l-liċenzji tal-kaċċa ħarġu mill-Ministeru għal Għawdex meta skont il-liġijiet ambjentali kollha ta' Malta l-Ministru għal Għawdex ma għandu l-ebda dritt legali biex joħroġ dan id-dokument. Dan ifisser li l-liċenzji huma invalidi u kull min ħareġ għall-kaċċa qed jikser il-liġi.

Għalhekk BirdLife Malta llum talbet lill-Kummissarju tal-Pulizija jieħu l-miżuri kollha li tagħtih il-liġi sabiex jirtira l-liċenzji tal-kaċċa ta' dawk in-nies li f'dawn il-ġimgħat ħarġu bi ħġarhom biex joqtlu għasafar protetti kif intwera fid-diversi filmati li xxandru minn diversi għaqdiet ambjentali bħal BirdLife Malta u l-Committee Against Bird Slaughter (CABS).

Wara li ppreżentaw il-Kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Furjana, il-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima u l-Kap Eżekuttiv Mark Sultana spjegaw f'konferenza tal-aħbarijiet li din l-evidenza ċara li akkwistat BirdLife Malta tikkonferma kif id-deċiżjoni li l-kaċċa u l-insib jgħaddu taħt il-portafoll tal-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri saret bl-aktar mod ċar bi ksur tal-liġi.

Il-Pulizija ntalbet tieħu azzjoni biex tiżgura li b'mod immedjat kull min qiegħed joħroġ għall-kaċċa b'liċenzja mhux valida jitressaq il-Qorti skont kif tistipula l-liġi tal-ambjent ta' Malta.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Mehmużin:**

1. Il-Kwerela ppreżentata lill-Kummissarju tal-Pulizjia llum minn BirdLife Malta
2. Liċenzja tal-kaċċa maħruġa illegalment mill-Ministeru għal Għawdex

**Ritratti:**

1. Il-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima u l-Kap Eżekuttiv Mark Sultana jippreżentaw il-Kwerela fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija
2. Uffiċjali ta' BirdLife Malta jindirizza l-ġurnalisti wara l-preżentazzjoni tal-Kwerela
3. Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana u l-President Darryl Grima
4. Il-konferenza tal-aħbarijiet ta' BirdLife Malta barra l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Furjana